Neżżgħuli l-libsa ta' raħħal u l-ħorġa,
ħudu s-suffara li saffart ġol-wied.
għannejt il-ġmiel tas-siġar u l-egħlieqi,
issa ser ngħanni l-ħażen tad-drawwiet.

U jiffigura ruħu bħala l-buffu jew il-*clown* fil-kummiedja ta' dil-ħajja, ir-*Rigoletto* fil-Qrati tas-Slaten li jdaħħak u jniggeż, iżda mhux jispiċċa biex fil-mestier tiegħu jpatti bid-dmugħ is-swat sarkastiċi tiegħu.

Il-poeta fl-aħħar strofa ta' din il-preżentazzjoni għaraf bl-iktar sengħa jdawwaqna l-essenza tas-sarkażmu filosofiku ta' l-epigrammi tiegħu.

Fi ftit kliem f'dawn l-epigrammi għandna miġbur f'mera ta' spirtu psikoloġiku dawk id-debollezzi tal-ħajja soċjali tagħna u tagħhom tana l-isbaħ mudelli u li fihom igħallmuna nidħku xi minn daqqiet bina nfusna, u għalhekk b'sarkażmu filosofiku l-poeta jgħidilna fl-aħħar:

Tobogħduniex; iżda idħlu ġewwa fikom,
araw kif intom pulċinelli żgħar;
jekk jirnexxilkom tidħku ġewwa fikom
bikom infuskom tkunu għorrief kbar.

Għal dik li hi arti prosodika naraw illi f'din il-libsa ġdida li libes il-poeta tan-Natura u tar-Romantiċiżmu, biex il-qarrej itiegħem iżjed ħafif u tajjeb l-ispirtu sarkastiku tal-versi tiegħu, il-poeta 'l ħawn u 'l hinn kellu jġenneb ir-reqqa tal-fraži u jerħi xi ftit mill-ilġiem tal-metrika mitluba mill-poeżija lirika. Wara kollox, l-Muża tan-Natura baqgħet lil Buttigieg tfittxu—is-sieħba ta' torbit il-Ġenju poetiku tiegħu li għadu marbut magħha u hi miegħu—kif naraw fl-aħħar ta' din il-ġabra ta' versi epigrammatiċi fil-poeżija "Il-Ħarba mill-Muża".

Dnub li dan il-ktieb li bih il-Poeta tana l-ewwel u l-isbaħ dokument ta' l-Epigramma Maltija ma waqax kollu f'idejn min tassew jaf igħożżu.

28/9/1963. A. CREMONA.

MILL-KRONAKA TAGĦNA

NIFIRĦU lill-Kavalier **IVO MUSCAT AZZOPARDI, P.L.**, li f'dan ix-xahar ta' Diċembru għalaq Sebgħin Sena li minnhom għadda Ħamsin Sena jikteb bil-Malti u jħabrek biex imexxi 'l quddiem l-Ilsien tagħna.

Nixtiqulu għomor twil b'riżq il-Maltin u fl-għożża tal-ħbieb.

KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA TAL-GĦAQDA

Ir-Rużarju—Xandir ta' Kultura Dumnikana.
Vol. XV—Ott.-Diċ., 1963. No. 3.
Editur P. Valentin Barbara, O.P.

Ħrejjef Esopu ta' Bro. Henry, F.S.C.
Minn għand l-Awtur

Grammatika Maltija ta' Bro. Henry, F.S.C.
Minn għand l-Awtur

The Way Ahead ta' Ant. Agius Muscat.
Minn għand l-Awtur

WERREJ TAS-SENA 1963

A.Z.
Ružar Briffa—Poeżiji ... ... faċċ. 60

Abela, Rev. Ġużè
Epithalamion ... ... ,, 82

Agius, Mario
Lil Missieri ... ... ,, 23

Agius Muscat, Anton
"Tibqa' Warajna l-Għanja" ... ... ,, 66

Barbara, Patri Valentin V., O.P.
L-Aħħar Poeżiji ta' Ružar Briffa ... ... ,, 41
Fil-Mewt ta' Ružar Briffa ... ... ,, 44

Borg Pantalleresco, Ġ., P.L.
Il-Milied it-Tajjeb ... ... ,, 116

Briffa, Dr. Ružar, B.Sc., M.D.
Vjolin Marid ... ... ,, 53
Il-Każin Malti ... ... ,, 53
Żewġ Poeżiji bla Isem ... ... ,, 54-55
Frammenti ... ... ,, 56
Lil F. S. Caruana ... ... ,, 71

Buttigieg, Dr. Anton, B.A., LL.D., M.L.A.
Meta Qabdu Miegħi l-Irwiefen ... ... ,, 24

Cardona, Ġużè
F'Marsalforn ... ... ,, 61
Kellimni fuq Ružar ... ... ,, 65
L-Ħena Biss fil-Poeżija ... ... ,, 83

Caruana, F.S.
Lil Ružar Briffa ... ... ,, 72

Casha, Charles
Iż-Żgħożija ... ... ,, 114

Cassar Pullicino, Ġ.
Tagħniqa Vojta ... ... ,, 87

Cassola, Kav. Albert M., F.I.L.
Lil Ružar Briffa, il-Ġenna ... ... ,, 57

Chetcuti, Ġużè
Fil-Mewt tat-Tabib Ružar Briffa ... ... ,, 39

Cremona, Dr. A., D.Lit.
Ružar Briffa ... ... ,, 35
Meta l-Mara Tibqa' Tmieri ... ... ,, 91
Lista tal-Poeżiji ta' Dun Karm ... ... ,, 117